# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 7**

**Rikors Numru 5/15 PC**

**Steve Caruana**

**v.**

**Lucy May Bailey**

Preliminari

Dan huwa appell maghmul mill-konvenuta minn digriet [id-digriet appellat] moghti mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-gurisdizzjoni superjuri taghha, sezzjoni familja, fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2015 in segwitu ghar-rikors prezentat mill-konvenuta fis-27 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu hija kienet talbet lil dik il-Qorti sabiex tawtorizzaha sabiex issiefer lejn l-Ingilterra mal-wild komuni tal-partijiet fid-dati ta' bejn l-24 u l-31 ta' Dicembru 2015, kif ukoll sabiex dik l-istess Qorti

tordna li jsir dak kollu mehtieg da parti tal-attur sabiex il-konvenuta tkun tista' ssiefer mal-minuri.

L-attur permezz ta' risposta prezentata fit-30 ta' Novembru 2015 oggezzjona bil-qawwa ghat-talba tal-konvenuta bazikament ghar-raguni li din is-safra ma kenitx fl-interess tal-minuri li kien ghad kellu biss sena u erba' xhur u ghax kienet tezisti l-biza' li l-omm ma tirritornax lura Ghawdex bit-tifel.

L-ewwel Qorti, iddisponiet ghat-talba tal-konvenuta bil-mod segwenti.

> "Il-Qorti b'referenza ghar-rikors tal-konvenuta tas-27 ta' Novembru 2015 biex tkun tista' ssiefer bil-minuri, wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi u peress li m'hijiex konvinta li din is-safra tista' tkun fl-ahjar interess tal-minuri u lanqas li hemm ic-certezza illi l-omm tirritorna f'dawn il-gzejjer bil-minuri, tichad it-talba."

Minn dan id-digriet appellat il-konvenuta b'rikors prezentat fil-25 ta' Jannar 2016 fejn, wara li spjegat fid-dettal ir-ragunijiet in sostenn tat-talba taghha, talbet li din il-Qorti tirrevoka d-digriet appellat u, minflok, tiddikjara li huwa fl-interess tal-minuri li jsiefer biex dan jiltaqa' man-nannu matern u, inkwantu ghall-preokkupazzjoni tal-Qorti li l-minuri jibqa' ma jirritornax lura, din il-Qorti taghti dawk id-direttivi u garanziji kollha li jidhrilha li huma opportuni, u/jew tiffissa hi l-granet tas-safar jew inkella tirrimanda l-process lura lill-ewwel Qorti biex il-perjodu tas-safar jigi fissat minn dik il-Qorti.

Min-naha tieghu l-attur ipprezenta risposta fl-1 ta' Frar 2016 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati minnu, qed jitlob li t-talba tal-konvenuta appellanti tigi michuda u d-digriet appellat jigi konfermat bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.

Din il-Qorti tosserva li l-konvenuta qed tibbaza l-appell taghha fuq id-dispost tal-Artikolu 229[3] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Cvili, u tirribadixxi l-osservazzjonijiet maghmulha minnha fil-kawza ricenti **Mary Cassar v. Edward Cassar**[1]**.**

> "Dwar il-materja li titratta l-appellabbilità ta' digrieti moghtija fil-kors ta' proceduri hija relevanti s-segwenti osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza *Paul Tanti et vs Sammy Mifsud*[2].
>
> "Ezami akkurat ta' l-artikolu 229 ghandu juri illi l-legislatur b'din id-disposizzjoni ried li jirregolarizza u jirrazjonalizza meta u kif seta' jsir appell minn digrieti moghtija mill-Qorti mahsuba biex jiffavorixxu l-andament korrett tal-proceduri quddiemha. Infatti l-artikolu jipprovdi ghal digrieti kamerali u interlokutorji ta' kull xorta u jiddetermina jekk setax jew le jsir appell minnhom qabel l-ghoti tas-sentenza definittiva u f'dawk il-kazijiet fejn digriet interlokutorju seta' jigi appellat qabel is-sentenza definittiva, id-disposizzjoni timponi procedura li kellha tigi segwita. Id-disposizzjoni pero` taghmilha cara illi dawk il-provvedimenti kienu japplikaw biss ghad-digrieti msemmija fis-subincizi (1) u (2) ta' l-istess artikolu u ghal kull appell *"minn kull digriet interlokutorju iehor li mhuwiex inkluz fis-subartikolu (1) u (2) ta' dan l-artikolu".* Dan ifisser illi jekk id-digriet ma jkunx wiehed interlokutorju (naturalment ukoll jekk ikun

[1] App.S. 420/07, deciza 27 Mejju 2016. Dan kien kaz ta' appell minn digriet provvizorju dwar allontanament tal-mara mid-dar konjugali. Dan id-digriet jista' jitqies bhala ta' natura ancillari ghall-gudizzju izda mhux interlokutorju ghax ma jirregolax l-andament tal-proceduri.

[2] Nr. 2259/200, deciza 19 Novembru 2001 – F'dan il-kaz li kien jirrigwarda l-Artikolu 229 b'referenza ghall-Artikolu 836 tal-Kap. 12 din il-Qorti ezaminat l-import guridiku tal-emendi introdotti fil-Kap. 12 bl-Att XXIV/1995.

> kamerali) – u dana kif qed jigi definit li hu id-digriet taht ezami – l-artikolu 229 tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghalih. Infatti l-incizi sussegwenti (4),(5) u (6) huma lkoll marbutin mad-disposizzjoni precedenti. Kienu allura biss japplikaw ghal dawk ix-xorta ta' digrieti imsemmija fl-incizi (1) u (2).

Fil-kaz odjern jirrizulta car li d-digriet appellat huwa wiehed provvizorju li, ghalkemm jista' jigi meqjus bhala wiehed ancillari ghal-proceduri, mhuwiex ta' natura interlokutorju, stante li ma jirregolax l-andament tal-proceduri li fih inghata.  Ghalhekk l-appell odjern huwa irritu u null.

Ghaldaqstant tichad l-appell tal-konvenuta bl-ispejjez kontra taghha.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df